**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.198/96***

***Pulizija***
***Sp. (illum Kummissarju) John Rizzo***
***v***
***Darren Micallef***

Illum 19 ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati huma, fit-termini tal-Att tar-Rinviju tal-24 ta' Mejju 99, bazati fuq ir-reati ta' **Serq aggravat**, **Ricettazzjoni** u **Komplicita' fil-Holqien ta' reat.**

Illi f' dan il-kaz, il-Qorti tosserva li huwa ta' importanza determinanti l-principju legali skolpit fl-Artikolu 658 tal-Kap. 9 li hu fis-sens li stqarrija ta' imputat mghamula volontarjament skond il-ligi tghamel prova fil-**konfront tieghu biss**. L-importanza ta' dan il-principju f' dan il-kaz jimmanifesta ruhu stante li l-prova principali kontra l-imputati odjerni huma l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija.

Illi l-prova tal-volontarjieta' tal-istqarrijet saret sodisfacentement skond il-ligi u di fatti dina ma gietx kontestata fl-ebda hin mid-difiza. Ghaldaqstant il-Qorti ser tistrih fuq il-kontenut taghhom.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-partijiet kollha relevanti tal-process u wasslet ghas-segwenti konkluzjonijiet.

Il-Qorti hija sodisfatta li jikkonffigura r-reat ta' **Komplicita' fis-Serq aggravat** bil-hin, bil-persuna u bil-valur **riferribbilment ghal dik l-attivita' kriminali li sehhet fil-21 ta' Frar 96 u ghall-oggetti prezjuzi li nsterqu <u>dak in-nhar biss</u> mill-hanut GB Jewellery.** F' dan ir-rigward il-Qorti taqbel <u>pienament</u> mas-sottomissjonijiet mghamula mill-prosekuzjoni fin-nota taghha u tghamilhom taghha.

L-istess ghandu jinghad fir-rigward tal-akkuza bazata fuq ir-reat ta' **Ricettazzjoni**. Dan ir-reat jikkonfigura fir-rigward tal-oggetti tad-deheb li Mario Muscat kien ikkonsenja lill-imputat Darren Micallef bhala sehemhu mill-hold up <u>li kellha ssir</u>. Dan l-imputat kien **<u>pienament konxju</u>** tal-fatt li dawn l-oggetti kienu gew fdati minn sidhom b' mod generali f' idejn Mario Muscat u li dana seraqhom biex ikkonsenjahom lill-imputat Micallef. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda dubbju dwar l-esistenza ta' dan ir-reat, u l-akkuza relattiva ghanda treggi.

Il-kumplament tal-akkuzi dedotti kontra tieghu ma jirrizultawx provati

***<u>Piena</u>***

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tieghu, il-fatt li parti mir-refutirva giet ritornata, kif ukoll ir-rapport favorevoli tal-ufficjal tal-probation Mary Grace Vella fejn *inter alia* qalet hekk: *"Micallef jinsab kemm riabilitat kif ukoll re-integrat fis-socjeta'"* Din il-Qorti hija propensa li taddotta r-rakkomandazzjoni ta' din l-ufficjal fis-sens li

tissospendi l-piena karcerarja li ser timponi f' dan il-kaz fuq l-imputat Darren Micallef.

Il-Qorti, ghall-finijiet ta' piena, hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt posittiv li l-imputat ikkoopera pienament mal-pulizija, liema kooperazzjoni wasslet sabiex jigi solvut il-kaz minn naha tal-pulizija.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat **Darren Micallef** hati tar-reati fuq indikati, u wara li rat l-Artikoli 42, 261(c)(d)(f), 267 u 268 u 334 tal-Kap.9 tikkundannah ghal *piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn sospizi ghal erba snin* a tenur tal-Artikolu 28A tal-imsemmi Kap. Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-import u s-sinifikat ta' l-imsemmija provvedimenti, skond il-ligi.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***